ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

StudentBounty.com

**IT-TIELET SENA IR-RELIĠJON Il-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem:** ______________________ **Il-Klassi:** ______________

**Taqsima A** **(10 marki)**

**Qabbel kolonna ma' oħra billi timla n-numri minn 2 sa 11 fil-kolonna l-vojta fin-nofs. L-ewwwel waħda hija eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Dak li trid li ħaddieħor jagħmel lilek, | | jippremja lit-tajbin u jikkastiga 'l-ħżiena wara din il-ħajja. |
| 2. | Kien permezz ta' Mosè li Alla ħeles lill-Poplu Lhudi | | biex infaħħruh, inberkuh u nigglorifikawh. |
| 3. | It-tentazzjoni dejjem tippreżenta lilha nnifisha bħala | 1 | agħmlu inti lil ħaddieħor. |
| 4. | Fost l-allat ta' żmienna nsibu | | kien jiddefendihom kontra l-kritika tal-Fariżej. |
| 5. | Aħna għandna nsemmu l-isem t'Alla | | bħala l-ogħla espressjoni ta' mħabba mal-persuna li magħha norbtu ħajjitna. |
| 6. | Lill-appostli, Ġesù | | milli qatt nistgħu naħsbu. |
| 7. | Bl-eżempju ta' ħajtu u bit-tagħlim tiegħu, Ġesù jurina | | l-flus u l-importanza żejda lill-karriera. |
| 8. | Il-ferħ u l-ġmiel tal-ġenna huma ferm akbar | | għandu jkun hemm rispett, onestà u sinċerità. |
| 9. | F'għaqda ma' Alla, ngħożżu u nieħdu ħsieb ir-rigal tas-sess li tana Alla nnifsu għal meta nkunu nistgħu nużawh | | kemm hu importanti u bżonnjuż li jkollna kuntatt ma' Alla. |
| 10. | Bejn l-ulied u l-ġenituri jew dawk li jieħdu ħsiebhom u jħobbuhom | | xi ħaġa sabiħa u li togħġob. |
| 11. | Bħar-Reliġjon Nisranija, l-Iżlam jgħallem li Alla | | mill-jasar tal-Eġittu u wasslu biex jirċievi l-Liġi tiegħu. |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima B** **(1**

**Imla l-vojt ta' dawn is-sentenzi bil-kliem li ssib fil-kaxxa t'isfel:**

A. Fil-Ġenesi nsibu, "U Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu, fuq xbihet Alla ħalqu, raġel u **mara** ħalaqhom".

1. Il-kuxjenza tagħtina l-kapaċità li nirraġunaw u l-kapaċità li ______________________ b'mod ħieles x'nagħmlu u x'ma nagħmlux.
2. L-intelliġenza, is-sentimenti, il-karattru tagħna u______________________ li għandna huma l-kwalitajiet li jgħinuna niżviluppaw lilna nfusna fis-sod u nibnu rabtiet ġenwini ta' ħbiberija u ta' mħabba li tibqa'.
3. Jekk irridu nkunu tassew ______________________, għandna ngħinu lil xulxin biex nevitaw kull tip ta' tentazzjoni.
4. Il-______________________ huwa ħaġa serja u jista' jittieħed biss f'ħaġa gravi u ġusta.
5. Fost il-ħbieb li Ġesù kellu, l-Evanġelju jsemmi lil ______________________ u lil ħutu, Marija u Marta.
6. Nisimgħu lill-oħrajn bir-raġuni u b'______________________ tajba jfisser li nfittxu li nifhmu lill-oħrajn bis-serjetà.
7. ______________________ tagħna tinfluwenzana fl-emozzjonijiet l-aktar kbar tagħna, fl-identità tagħna u fil-mod kif nibnu ______________________ mal-oħrajn.
8. Nuru li napprezzaw lil ġisimna billi nieħdu ħsiebu kontra l-mard, fil-mard u nitbiegħdu ______________________.
9. Fil-______________________ nħossuna ħbieb ma' numru bla għadd ta' nies mid-dinja kollha.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| niddeċiedu | relazzjoni | ~~mara~~ | ġurament | is-sesswalità | t-talenti |
| mid-diżgrazzji | ħbieb | ġenna | rieda | Lazzru | |

**Taqsima C:**

**(20 marka)**

**Wieġeb fil-qosor:**

1. Agħti **żewġ** raġunijiet għala hu importanti li nkun midħla tat-tagħlim ta' Ġesù.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ *(2 marki)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

2. X'kienet it-tentazzjoni li Ġesù kellu fil-Ġnien taż-Żebbuġ?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

3. X'għamel l-Ispirtu s-Santu fl-Appostli dakinhar ta' Pentekoste?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

4. Meta t-tentazzjoni ssir dnub?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

5. Kif għandna nuru rispett lejn l-Isem t'Alla?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

6. Fisser: "Fejn hemm il-qtigħ il-qalb, ħallini nqawwi t-tama".

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

7. Għaliex Ġesù lill-Appostli kien tassew iqishom bħala l-ħbieb tiegħu?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

8. Agħti **żewġ** raġunijiet għala għandna nirrispettaw lil xulxin.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

9. San Pawl jikteb li l-ġisem tagħna huwa Tempju tal-Ispirtu s-Santu. Uri kif nistgħu nirrispettaw lill-ġisem tagħna.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

10. X'iġifieri "Weġġaħ lil missierek u 'l ommok"?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ *(2 marki)*

**Taqsima D:**

**(15-il marka)**

**Wieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin:**

a. Meta Ġesù nbidel quddiem l-Appostli fuq il-Muntanja Tabor, u deher flimkien ma' Mosè u Elija, il-Missier, minn ġos-sħaba nstema' jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu".
X'nista' nagħmel jien biex nuri li nisma' lil Ġesù fil-ħajja tiegħi?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ *(3 marki)*

b. 'U ħares Alla lejn kulma għamel u ara, kollox kien tajjeb ħafna.' (Ġenesi 1, 31)
X'nista' nagħmel biex, dak li ħalaq Alla, jien inħallih tajjeb ħafna?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ *(3 marki)*

c. "Imbagħad niżel magħhom u reġa' mar Nażaret; u kien jobdihom . . . U hekk Ġesù baqa' jikber fl-għerf, fis-snin u fil-grazzji, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin." (Luqa 2, 51-52)
Kif nistgħu nuru rispett lejn il-ġenturi tagħna u lejn dawk li jieħdu ħsiebna?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ *(3 marki)*

d. "Int għandek tħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, u b'ruħek kollha, bil-qawwa tiegħek kollha, u b'moħħok kollu u lill-proxxmu tiegħek bħalek innifsek." (Luqa 10, 27)
Kif għandek turi li tħobb bil-verità lil Alla?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ *(3 marki)*

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

e. "Lir-rebbieħ nagħtih li joqgħod maġenbi fuq it-tron tiegħi; l-istess kif jien, meta r… t maġenb Missieri fuq it-tron tiegħu." (Apokalissi 3, 21)
X'għandu jagħmel in-Nisrani biex jakkwista l-premju tal-ġenna?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(3 marki)*

**Taqsima E** **(15-il marka)**

**Ara x'qegħdin juru dawn l-istampi u wieġeb:**



1. a. Min hi s-soru li hawn fl-istampa u li kienet tgħix fl-Indja?

________________________________________ *(marka)*

b. X'kienet tagħmel f'ħajjitha?

________________________________________

________________________________________

________________________________________

*(2 marki)*




2. a. X'jissejjaħ dan il-ktieb?

________________________________________ *(marka)*

b. Kif jista' jgħinna dan il-ktieb f'ħajjitna?

________________________________________

________________________________________

________________________________________

*(2 marki)*



3. a. X'qiegħda turi din l-istampa?

________________________________________ *(marka)*

b. Kif nistgħu nużaw dawn għall-ġid tagħna u tal-oħrajn?

________________________________________

________________________________________

________________________________________

*(2 marki)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. a. Ma' min jidher hawnhekk Ġesù?

_____________________________________________ *(marka)*



b. Kif kien iġib ruħu Ġesù ma' dawn l-akbar ħbieb tiegħu?

_____________________________________________

_____________________________________________

_____________________________________________

*(2 marki)*

5. a. X'qiegħda turi din l-istampa?

_____________________________________________ *(marka)*



b. X'għandu jagħmel in-Nisrani biex jimxi wara d-dawl ta' Kristu?

_____________________________________________

_____________________________________________

_____________________________________________

*(2 marki)*

**Taqsima F:** **(30 marka)**

**Agħżel TNEJN minn dawn li ġejjin u wieġeb f'mhux anqas minn 50 kelma fuq kull waħda. Għandek issib kliem li jgħinuk.**

**A. Kif nista' nżomm kuntatt m'Alla?**
(Ġesù - talb - negħleb it-tfixkil - għajnuna - l-Ispirtu s-Santu)

**B. " La mmur fejn dari nidneb; naħrab ukoll dak kollu li dari waqqagħni fid-dnub." Jien x'nista' nagħmel biex ma naqax fid-dnub?**
(ħilti kollha - attent - il-ħbieb - kuraġġ - vizzji)

**C. Ikteb dak li taf dwar Madre Tereża ta' Kalkutta jew San Franġisk t'Assisi.**
(**Madre Tereża**: l-ifqar – xbieha t'Alla - aħwa - sagrifiċċju - Ġesù nnifsu)
(**San Franġisk**: in-natura - il-fqar - il-proxxmu - paċi - mħabba)



**D. Kif kien jgħaddi l-ħin tiegħu Ġesù mal-Appostli?**
(jivvjaġġa - jgħallem - jiddefendihom - il-ħin liberu - kuraġġ)

**E. Kif għandna nġibu ruħna meta ma naqblux mal-ġenituri tagħna?**
(nitkellmu - onesti - għażliet - jixtiqulna l-ġid - parir)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Tmiem il-karta

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers